MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 149/2004

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mark Portanier**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Novembru, 2003 fis-1.20 p.m. go Bonnici Buildings, 16, M. Pullicino Street, Burmarrad, kellu fil-pussess tieghu ghall-finijiet ta' bejgh xi ikel ghall-konsum mill-bniedem (21 whole frozen rabbits, 1 box – 23.6 kg. whole chicken) li fuqu ma kienx hemm dik it-tikketta kif jista' jigi preskritt, mehmuza jew imwahhla jew inkluza mal-mahfen.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju, 2004,  li biha, sabet lill-imputat hati skond l-akkuza w ikkundannatu jhallas LM200 multa w ordnat il-konfiska w id-distruzzjoni tal-oggetti sekwestrati.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Lulju, 2004,  li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell billi tirrevokaha w thassar is-sentenza appellata.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat li l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ li, mill-provi mressqa, l-appellant qatt ma seta’ jinstab hati tal-akkuza dedotta kontrieh stante li ma jirrizultax li l-oggetti kienu esposti ghall-biegh anzi kienu qed jigu storjati ghandu . Inoltre qatt ma gie suggerit u wisq inqas ippruvat li l-appellant kien qed iwassal dan l-ikel ghand il-konsumatur minghajr label .**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi qabel xejn il-Qorti trid necessarjament tosserva li – kif gibdet l-attenzjoni tal-partijiet waqt l-udjenza -  fis-sentenza appellata , l-Ewwel Qorti ma ccitatax id-dispozizzjonijiet tal-ligi li tahthom sabet lill-appellant hati;**

**Semghet ghalhekk it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tal-Magistrati , meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati , taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-</u>**

**<u>Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>**

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata . Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali . F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza w tiddeciedi l-kawza hi stess skond dak li jipprovdi l-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali . (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002] u ohrajn)**

**Illi fil-kaz in ezami , jidher manifest li l-Ewwel Qorti – x'aktarx bi zvista – naqset li ssemmi l-artikolu tal-ligi li tahtu sabet htija fil-konfront tal-appellant u dan jirrendi s-sentenza appellata nulla .**

**Ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti terga' tiddeciedi hi l-kaz mill-gdid kif tipprovdi l-ligi fl-artikolu 428 (3) fuq imsemmi;**

**Rat il-provi li ngabu quddiem l-Ewwel Qorti w li jinsabu traskritti fil-process ;**

**Semghet it-tattazzjoni dwar il-mertu ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi rrizulta mix-xhieda tal-**Health Inspector Peter Grech **li fis-17 ta' Novembru, 2003, ghall-habta tas-1.20 pm , kienet saret *inspection* go Punici Buildings, 16, M. Pullicino Street, Burmarrad . Hemm instabu zewg *"cold rooms*" kbar qalb hafna garages u f' dawn il-"*cold rooms*" sabu wiehed u ghoxrin (21) fenech iffrizat u 23.6 kilos tigieg iffrizat minghajr tikketta. Dawn gew issigillati fuq il-post. Ricevuti l-appellant ma kellux ta' minn fejn kien gej ix-xoghol u hu ma kienx qalilhom minn fejn kienu gew. It-tigieg kienu "*whole chickens*" li kienu ppakkjati minnghajr tikketta**

**. Dawn kienu storjati ghand l-appellant. Hu gharaf lill-appellant prezenti fl-awla (tal-Ewwel Qorti) .**

**Il-**Health Inspector Clive Tonna **kkorrobora dak kollu li qal ix-xhud precedenti w zied li hu kien kellem lill-appellant, talbu ghall-invoices pero' dak il-hin ma kellux u lanqas kien gabhom wara. Dwar il-fniek l-appellant kien qallu "jien qatt ma rajt bil-label." Dawn it-tigieg li raw ma setghux ikunu dawk li kienu gejjin minn Ghawdex fil-van li huma kienu segwew biex sabu l-istores tal-appellant. Skond ix-xhud il-*Labelling Regulations* jiddisponu li dawn l-oggetti t'ikel iridu jkunu ppakkjati b' *labe*l fuqhom li tghid x'inhuma. Hu ma kienx ra lill-appellant ibiegh u l-oggetti kienu fl-stores , ghax l-appellant iqassam lis-supermarkets u l-hwienet.**

**Illi l-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appellant jargumenta li, ladarba l-oggetti tal-ikel inkriminati kienu jinsabu biss storjati ghandu w ma kienux qed jigu esposti ghall-biegh lill-konsumatur, allura ma kienux japplikaw ghalihom ir-regolamenti dwar "Labelling, presentation and advertising of Foodstuffs " (A.L. 5 tas-sena 2202 ) . Dan ghaliex ir-Regolament 2 (1) tal-istess Regolamenti jiddisponi li :-**

**"These regulations concern the labelling of foodstuffs to be delivered as such to the ultimate consumer and certain aspects to the presentation thereof."**

**Issa skond l-artikolu 2 tal-Kap. 449 , Food Safety Act , Att XIV tas-sena 2002, it-terminu "consumer" gie defenit bhala :-**

**"any natural or legal person who, <u>not in the course of business , trade or profession</u> , buys or otherwise receives food or food sources within the meaning of the provisions of this Act." (sottolinear tal-Qorti).**

**Illi minn din id-definizzjoni jidher car li l-konsumatur hu dak li jixtri jew jakkwista ikel mhux in linea ta' kummerc bhal ma hu, per ezempju , l-bejjiegh bl-imnut , bhal hwienet jew supermarkets, jew bejjiegh iehor bl-ingrossa li jkunu qed jaghmel dan fil-kors tal-kummerc tieghu. Din l-interpretazzjoni tkompli tissahhah mill-kliem uzat fir-regolament 2 fuq imselli fejn il-konsumatur jerga sahansitra jigi limitat u arginat li jfisser "the** ultimate **consumer", (emfasi tal-Qorti).**

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jidher car li dawn l-oggetti kienu jinsabu maghluqa go "cold stores" u ma kienux, f'dak l-istadju, qed jigu offruti jew esposti ghall-biegh lill-konsumatur fis-sens ristrett mill-istess ligi u mir-regolament fuq imsemmi.

Illi l-Food Safety Act per se ma johloqx ir-reat imsemmi fl-imputazzjoni , izda l-artikolu 10 jaghti s-setgha lill-Ministru responsabbli li jaghmel regolamenti li *inter alia* jipprovdu ghall-impozizzjoni ta' htigijiet jew projbizzjonijiet li jirregolaw il-"labelling" tal-oggetti tal-ikel. U l-unici regolamenti rilevanti jidhru li huma dawn taht l-Avviz Legali 5 tat-2002 fuq imsemmi.

Hu minnu li l-Food Safety Act fl-artikoli 4 johloq certi prezunzjonijiet, pero' fil-fehma ta' din il-Qorti dawn ma jistghux morru kontra l-kliem car tar-regolament 2 invokat mid-difiza .

Ghalhekk , fil-fehma ta' din il-Qorti , sakemm ir-Regolament 2 jibqa' kif inhu illum , jidher li l-obbliku tal-ittikkettjar jew *labelling* ma japplikax fl-istadju ta' *cold storage* jew hazna , qabel ma l-oggeti tal-ikel jimbiegh bil-grossa lil persuni fil-kors tal-kummerc taghhom kif jirrizulta li kien destinat li jsir bl-oggetti in kwistjoni. Ghalhekk *de lege lata* ir-reat imputat lill-appellant, fl-assenza ta' dispozzjoni li toholqu fil-ligi principali w fid-dawl tal-limitazzjoni maghmula mill-istess regolament 2 tal-A.L. 5 tas-sena 2002, ma jezistix.

**Ghalhekk tiddisponi mill-appell billi tilqa’ l-istess u, fl-ewwel lok, tirrevoka w thassar is-sentenza appellata minhabba nullita’ tal-istess w, fit-tieni lok , wara li qieset mill-gdid il-provi li ngabu quddiem l-ewwel Qorti w li huma traskritti fil-process u wara li rat l-artikoli 2, 4, 10 u 43 tal-Kap.449 u r-Regolament 2 tal-Avviz Legali 5 tal-2002l, ssib lill-appellant mhux hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tilliberah mill-istess.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------